KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

16 ta' Dicembru 2010

Ref: 5/51/194/10

**Minuti tal-Laqgha Nru. 51**

Il-kunsill iltaqa' fl-Ufficini Amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 14 ta' Dicembru 2010. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti l-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch, il-Kunsillier Borg Myatt u l-Kunsillier Mark Anthony Ferris. Is-Sindku Dominic Grima kien skuzat. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivana Alison Panzavecchia. Il-Vici-Sindku Alfred Borg ppressjeda din il-laqgha.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 50**

**1.1 – Korrezzjonijiet**
Il-Kunsillier Lynch ressaq dawn il Korrezjonijiet:

**Item 12.1** – flok ringrazzjament lill-pulizija ghandu jizdied il-kliem 'ghal-pulizija u nies ohra li jghinu l-kunsill'.

**Item 10.2** – wara hu ssuggerixxa li ghandu jsir budget biex ma jintefqux aktar flus milli suppost ghandu jizdied il-kliem 'il-Kunsillier Lynch qal li dan sar ghax kien hemm kantant li twieghed il-hlas u kellu jhallas lil kulhadd'.

Il-Kunsill approva dawn il Korrezjonijiet.

**1.2 – Materji Konnessi**

**Item 6.2** – Il-Vici-Sindku staqsa ghax ma gewx il-*mobile toilets*. Il-Kunsillier Dalli qal li ghandna nitolbu kjarifika dwar il-latrina mis-Sindku.

**Item 10.1** – Saret diskussjoni dwar isirx party ghall-kunsilliera, l-istaff u l-kuntratturi. Gie deciz li issir bibita fil-Kunsill nhar it-Tlieta 21 ta' Dicembru 2010 f'12.00pm.

2) **Korrispondenza**

2.1 – **Ittra minn Elton John Zammit**. Is-Sur Zammit talab iz-zieda sa 10% minhabba spejjes ohra li nqalghu. Il-membri tal-Kunsill qabblu li dan il-kaz jghaddi f'idejn l-avukat tal-Kunsill.

2.2 – **Ittra mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali** – Is-Sur Bugelli baghat ittra dwar Memo 95/2010 - Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011 biex jinforma li l-Kunsill ser jinghata l-ammont ta' €4,000 dwar din l-applikazzjoni ta' l-attivita' Notte A Casal Paola.

2.3 - Is-Segretarju qal li dwar l-attivita' ta' l-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan Banda Paola ghadna ma rcevejna xejn. Hu qal li l-Kunsill approva l-ammont ta' €7,000 u nghatajna biss l-ammont ta' €4,000. Il-Kunsillier Dalli qali li ghandna nitolbu aktar.

Is-Segretarju qal li suppost il-Kunsill Lokali Paola jorganizza din l-attivita' b'kollaborazzjoni ma' l-ghaqda nvoluta.

2.4 – **Ittra minghand il-Kunsillier Mark Anthony Ferris** – Is-Sur Ferris baghat ittra rigward id-dekasteru tal-Kunsilliera. Is-Segretarju rega' ghal darb'ohra gibed l-attenzjoni fuq dan il-punt.

Gie deciz li dan il punt ghandu jingab ghall attenzjoni tas-Sindku.

3) **Attivitajiet Milied 2010**

3.1 Il-Kunsillier Lynch ressaq programm ta' attivitajiet ghal Dicembru 2010 u ta' l-ahhar dettalji. Dawn ghandhom jidhlu ukoll f' Lehen Paola ta' Dicembru.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.2 Wara diskussjoni il-Kunsill qabel unanimanent li l-armar u tizjin bid-dawl tat-toroq isir b' direct order ezatt kif sar is-sena l-ohra.

4) **Bandli Triq Ninu Cremona**

4.1 – Is-Segretarju qal li l-Kunsill kien iddecieda li jsir id-dawl fil-bandli ta' Triq Ninu Cremona. Hu kompla jghid li l-Perit tal-Kunsill tqabbad biex jaghmel il-pjanta, u li fuq istruzzjonijiet tas-Sindku tqabbad biex idahhal it-tapiti wkoll u jsir *refurbishment* tal-bandli. Gie deciz li l-Kunsill ghalissa jitlob stima ta' kemm ser tigi l-ispiza addizjonali.

5) **Budget**

5.1 - L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Tony Chircop kien prezenti biex jispjega l-budget 2010 u 2011 tal-Kunsill.

5.2 – Il-Kunsillier Dalli staqsa jekk ma nibdewx Triq l-Arkata, hemmx cans li nitilfu l-flus. Hu ssuggerixxa li ghas-sena d-diehla kull 3 xhur naraw l-budget.

**5.3** - Il-Kunsillier Borg Myatt qal li ghat-3 darba, l-accountant rega' gab il-budget tal-kunsill matematikament hazin.

**5.4** – Is-Segretarju qal li suppost biex kulhadd ikollu stampa cara, l-ahjar kull Kunsillier jipprezenta kemm hu l-hsieb tieghu li jonfoq u li kull kunsillier irid jara l-*budget* skond ir-responsabbilitajiet tieghu.

**5.5** – Wara diskussjoni, il-Kunsillier Dalli ressaq mozzjoni biex jigi approvat il-budget ta' l-2010 u 2011 tal-Kunsill. Ghal budget ta' l-2010, il-Vici-Sindku, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsillier Seychell kienu favur u l-Kunsilliera Borg Myatt u Ferris astjenew ghar-raguni li dan suppost gie approvat fl-2009. Ghal budget ta' l-2011, il-membri kollha tal-kunsill kienu favur u b'hekk il-mozzjoni ghaddiet.

**5.6** – Wara diskussjoni, gie deciz li l-budget ghas-sena d-diehla narawh kull 3 xhur.

**6) Laqgha tal-Lokalita' 2010**

**6.1** – Saret diskussjoni dwar dan u gie deciz li l-Laqgha tal-Lokalita' 2010 issir nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar 2011 fis-6.00pm.

**7) Paola Action Plan**

**7.1** – Is-Segretarju qal li l-pjanti draft ghal Pjazza huma lesti u diga' ntefghet l-applikazzjoni l-MEPA. Il-Kunsillier Dalli qal li jrid isir meeting ma' IMAM, mal-Kappillan, mar-Rehabilitation Centre, mas-Sur George Cilia tal-Malta Industrial Parks, ma' Dr.Jason Azzopardi u mad-Direttur tal-Habs. Is-Segretarju qal li l-pjan tal-Kunsill qieghed *in-line* ma' l-EU. Il-Kunsillier Dalli qal li llum kellna laqgha mal-Perit tal-Kunsill biex jaghmel survey u ssir spjegazzjoni dwar dan. Huwa kompla jghid li ghandna ninfurmaw lill-Kunsilliera b'dak kollu li jsir dwar dan. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**8) Triq St.Ubaldeska**

**8.1** – Il-Kunsillier Seychell nforma lill-Kunsill li saret hsara fi Triq St.Ubaldeska minn kuntrattur. Gie deciz li dan il-kaz jghaddi ghand l-avukat tal-Kunsill.

**9) Pagamenti**

**9.1** – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti fuq il-mejda. Il-membri tal-Kunsill approvaw il pagamenti u qablu li mal-lista tal-pagamenti jizdiedu c-cekkijiet tal-Kunsilliera.

**10) Aggornament**

**10.1** – Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2011 fis-6.00pm.

Kevin Borg — Segretarju

Dominic Grima — Sindku